*- KOLLIZJONI -*

*-RES IPSA LOQUITUR -*

*- MAIN ROAD ABUSER -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Novembru, 2001.**

**Kawza Numru: 30**
**Citazzjoni Numru: 763/99/RCP**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Donald u Antonia sive Tanya konjugi Borg**

**vs**

**Abdel Remi Esam**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-16 ta Novembru 1997 fil-limiti ta' Bahar ic-Caghaq waqt li l-assikurat tal-attur, Donald Borg kien qed isuq il-vettura numru U-7005 huwa kien involut f'incident tat-traffiku mal-vettura numru CBB 391 misjuqa minn Abdel Remi Esam.

Illi ghal dan l-incident kienu unikament responsabbli l-konvenut Abdel Remi Esam u dana minhabba negligenza, imprudenza w in osservanza tar-Regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar it-trattazzjoni tal-kawza u kif jidher car mir-Rapport tal-Pulizija.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura Nru. U-7005 proprjieta tal-assikurat tal-attur garbet hsarat konsiderevoli, tant illi giet dikjarata bhala *beyond economic repair*, izda billi dina kienet assikurata taht polza ta' assikurazzjoni '*comprehensive*', u billi saret *claim*, l-assikurazzjoni hallset lill-assikurat taghha il-*pre accident market value*, wara li tnaqqas ir-*wreck value*, u hallest xi spejjes ohrajn relatati mal-*claim* u dana fl-ammont totali ta' circa LM1660.20 u dana kif sejjer jigi spejgat u pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut interpellat sabiex jghamel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjieta attrici assikuratrici b'risultat tal-incident imsemmi baqa' inadempjenti kellha issir din il-kawza.

Illi l-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li l-konvenut previja kull dikjarazzjoni necessarja, jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fil-limiti ta' Bahar ic-Caghaq fis-16 ta' Novembru 1997 u ghad-danni sofferti mis-socjieta attrici.

(2) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjieta attrici b'risultat ta' dan l-incident l-ammont ta' elf u sitt mija u sittin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (LM1660.20) jew somma ohra verjuri u jekk hemm bzonn bl-opra ta' Periti nominandi.

(3) Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjieta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficcjali tal-5 ta' Novembru 1998 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa imharrek ghas-subizzjoni, u ghall-ispejjez ta' l-ittra ufficjaliipprezentati kontestwalment ma' l-istess citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta' Gunju,1999; tat-28 ta' Ottubru,1999; tad-9 ta' Frar,2000; tas-17 ta' Mejju,2000; tal-31 ta' Mejju,2000 fejn inghatat decizjoni dwar gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.44 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-accident *de quo* sehh unikament minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-assikurat tas-socjeta' attrici, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi inoltre, il-konvenut qed jikkontesta d-danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici b'konsegwenza tal-incident imsemmi, stante li huma eccessivi.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 45 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tat-28 ta' Gunju,2000; tat-12 ta' Lulju, 2000; u tal-15 ta' Frar, 2001.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' John Bonnici;

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' Mejju,2001 fejn xehdu Donald u Tania Borg; tal-11 ta' Ottubru,2001 fejn xehdu John Bonnici, l-Ispettur Jason Agius, Donald Borg u l-konvenut. Il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar

u li mhux qed jikkontestaw id-danni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru,2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) NATURA TAL-AZZJONI ATTRICI.

Illi din il-kawza titratta dwar kollizzjoni li grat fis-16 ta' Novembru,1997 fil-limiti ta' Bahar ic-Caghaq, meta l-assikurat tas-socjeta' attrici kien qed isuq il-vettura Reg.No.U 7005 u l-konvenut kien qed isuq il-vettura Reg. No.CBB 391, fejn qed jigi allegat li l-istess kollizjoni grat minhabba traskuragni da parte tal-istess konvenut, u ghalhekk qed jintalab li l-istess konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-istess sinistru u l-konsegwenti danni.

### (B) PROVI PRODOTTI

Illi **John Bonnici** qal illi hu l-*Motor Claims Manager* ta' *Bonnici Insurance* li huma agenti tal-*Middle Sea Insurance p.l.c.* Hu qal illi fis-16 ta' Novembru,1997 saret *claim* minn Donald Borg ghar-rigward incident tat-traffiku li huwa kien involut fih waqt li kien qed isuq il-vettura Suzuki Alto Nru. U 7005, liema vettura kienet assikurata maghhom taht polza

*"comprehensive"*. Dan l-incident kien ma' vettura misjuqa mill-konvenut Abdel Remi Esam. Wara l-incident il-vettura ta' Donald Borg giet spezjonata mis-*surveyor* John Callus li kkonkluda illi l-vettura Suzuki tant kellha hsara illi kienet *beyond economical repair*. In vista ta' dan u billi din il-vettura kienet assikurata *"comprehensive"* b'valur ta' Lm1,800 huwa hallas lil Donald Borg is-somma ta' Lm1,675 wara li naqqas l-*excess* ta' Lm125. Ir-*wreck* tal-vettura inbiegh u l-ammont migbur kien Lm300. Oltre' l-ammont imhallas lill-assikurat, huma hallsu wkoll ghar-Road Accident Report, ghas-survey, ghall-kiri ta' karozza waqt iz-zmien tat-tiswija, u spejjez legali ghall-konsult u dan fl-ammont totali ta' Lm162.55. B'kollox ghalhekk hallsu s-somma ta' Lm1537.55.

Illi huwa xehed sussegwentement quddiem din il-Qorti fejn esebixxa erba' ritratti li ha huwa personalment u li juru l-lokalita' tal-incident li baqghet l-istess illum anke minn dak iz-zmien.

Illi **Donald Borg** xehed li dakinhar tal-incident kellu l-mara u t-tfal mieghu. Hu qal li l-incident gara fit-triq li taghti ghall-Bahar ic-Caghaq, jigifieri d-dahla ta' Bahar ic-Caghaq meta kien hiereg ghal fuq il-Coast Road. Xehed li dakinhar kienu marru jaraw id-dar li kienu qed jibnu dak iz-zmien. Huma bdew jipprocedu min-naha ta' gewwa ta' Bahar ic-Caghaq ghal fuq trejqa biex johorgu ghal gol-Coast Road u peress li kienu ghadhom qed jakkomodaw ruhhom u kienu qed jippreparaw biex immorru ghat-triq waqqaf il-karozza *"qisu*

*xi 25 jew 30 pied mit-triq".* Jiftakar li kien waqaf biex jilbes *is-seat belt.*

Illi l-istess x-xhud qal li kienet ghaddejja karozza wahda u stenniha tghaddi. Din il-karozza kienet niezla minn St. Andrews ghall-Bahar ic-Caghaq l-isfel u osserva li kienet qed tigbed lejn it-triq fejn kien hu, pero' dak il-hin assuma li kien ser jikser aktar bl-ghagla mal-kurvatura. Izda l-konvenut dahal fit-triq fejn kien hemm hu *"at the wrong curve".* Hu sostna li l-konvenut ma kienx qed idawwar skond id-dawra tat-triq, u litteralment baqa' diehel fuq in-naha tieghu u garrhom ghal go l-ghalqa li hemm fl-istess inhawi. Dak il-hin tal-impatt l-karozza kienet 100% *stationary.*

Illi skond l-istess sewwieq il-karozza tax-xhud spiccat *total loss* u s-socjeta' assikuratrici hallsitu. Huwa kiser idejh; it-tifel tar minn wara u spicca quddiem bid-daqqa fil-*windscreen* b'hafna hgieg f'ghajnejh u f'wiccu; u martu peress li kienet fl-ahhar tlett gimghat tat-tqala spiccat fi stat isteriku. Skond l-istess Borg il-konvenut u l-pasiggier kienu fis-sakra. Huwa qal lill-pulizija b'dan izda l-pulizija qalulu li ma kellhom ebda dritt bil-ligi li johdulu d-demm.

Illi 'n kontro-ezami qal li hu minnu li kien hiereg mis-*side street* bl-isem Triq il-Palma biex johrog ghall-Coast Road. Hu nsista li waqaf ferm qabel l-*istop sign* u mhux kif gie suggerit mill-avukat difensur tal-konvenut li hareg mill-*istop sign* u l-habta kienet *head to head.* Il-*point of impact* kien

fuq in-naha tal-lemin tal-karozza, fejn il-*head lamp* u ftit izjed 'il fuq. Huwa ma qabilx ma' l-*isketch* li allegatament ghamel il-passiggier mal-konvenut, apparti li dan ma setghax jigi kkonfermat mill-persuna li irredigietu minhabba li hu msiefer.

Illi l-istess xhud gie riprodott sabiex jikkonferma fuq ir-ritratti ezebiti li juru l-lokalita' tal-incident. Huwa qal li l-"area" hija l-istess izda m'humiex daqhsekk precizi minhabba li mehudin fil-kliem tax-xhud *"from a very wide angle and very far away from the actual point of impact."* Ghad-domanda dwar tressaqx il-Qorti fuq il-kaz mill-Pulizija, hu rrisponda li resquhom darba u giet differita ma jafx ghal meta.

Illi **Tania Borg,** mart Donald Borg, qalet li huma kienu weqfin, hergin minn Bahar ic-Caghaq fuq in-naha tax-xellug huma u sejrin lejn Wied il-Ghajn, jigifieri kienu se jduru lejn St. Andrews. Hija qalet tant kienu lura mill-*istop sign* li kienet ikkummentatlu biex jimxi aktar 'il quddiem, pero' zewgha kien qalilha li ma kellhomx ghagla. F'daqqa wahda il-karozza tal-konvenut rawha gejja fuqhom u lanqas lahqu qalu kelma. Id-daqqa kienet fuq in-naha ta' zewgha u spiccaw imbuttata 'l gewwa f'dik il-parti qisu haxix in-naha ta' Bahar ic-Caghaq fejn hemm qisu gebel zghir.Hija qalet li tinsab konvinta li l-konvenut u l-passiggier tieghu kienu fis-sakra. In kontro-ezami baqghet tinsisti li r-ragel taghha kien wieqaf totalment. Hi qalet li ma semghet l-ebda *brakes.*

Illi l-**Ispettur Jason Agius** esebixxa kopja tal-okkorenza u tal-*isketch* li gew immarkati Dok. "JA 1" u "JA 2". Huwa gie muri r-ritratti ezebiti u peress li kien mar fuq il-post tal-incident seta' jimmarka fuq id-dokument "AB 1" permezz ta' salib f'cirku fejn gara l-incident. Huwa xehed li l-habta grat aktar lura mill-*istop sign* muri fuq l-isketch maghmul minnu. Pero' hu ma mmarkax l-*ispot of impact* u lanqas ftakar fejn kien ghalkemm qal li l-habta grat  int u hiereg minn Xatt il-Palm fuq in-naha tax-xellug.

Illi 'n kontro-ezami qal illi l-konvenut u l-Ingliz, passiggier mieghu, spiccaw l-isptar u lill-konvenut kellmu wara. Qal illi m'ghamel *"breathyliser test"* lil hadd. Hu qal illi jaf illi l-proceduri li ttiehdu kontra Borg u kontra Esam waqghu bi preskrizzjoni.

Illi l-konvenut **Esam Abdel Remi** xehed li dakinhar tal-incident kien qed isuq il-van ta' certu Angela Balzan. Dakinhar kien ma' habib tieghu Ingliz nezlin minn St. Julians ghal Bugibba ghaddejjin mill-Coast Road. Huwa qal illi l-konvenut  waqaf fuq l-*istop sign* u hareg naqra naqra sakemm sabu faccata tieghu u habtu faccata mal-ohra. Huwa ma qabilx ma' l-iskizz esebit mill-Pulizija. In effetti esebixxa skizz li ghamel l-Ingliz li jikkonferma t-tezi tal-istess konvenut. Izda dan l-Ingliz hu msiefer. Mad-daqqa l-konvenut qal li ntilef minn sensih u huwa u l-Ingliz damu tlett ijiem l-isptar. Ix-xhud qal ukoll li l-Pulizija qatt ma kellmuh.

Illi 'n kontro-ezami nnega li kien xorob qabel l-incident in kwistjoni. Hu qal li ma jaqbilx ma' l-isketch esebit mill-Ispettur ghaliex fih jirrizulta li l-impatt sar qabel l-*istop sign* meta skond ix-xhud l-incident gara wara li l-konvenut hareg mill-i*stop.* Rigward il-hsara li grat fil-karozza tieghu s-socjeta' assikuratrici tieghu rrangatlu kollox peress li l-van kien inxurjat *fully comprehensive.* Illi pero' qal li ma jafx jekk l-assikurazzjoni tieghu ghamlux kawza kontra Borg.

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi f'din il-kawza huwa ovvju li l-partijiet qed jaghtu versjonijiet ghal kollox differenti minn xulxin, u ghalhekk necessarjament din il-Qorti trid tezamina abbazi tal-provi prodotti liema wahda minn dawn il-versjonijiet hija dik kredibbli, u dan jiddependi fuq liema wahda mill-allegazzjonijiet tal-partijiet hija fil-fatt korroborata u wkoll l-aktar verosimili, tenut kont tal-fatt li l-verosimiljanza hija forma ohra ta' korroborazzjoni.

Illi l-versjoni tas-socjeta' attrici hija li l-assigurat taghha Donald Borg kien hiereg min-naha ta' gewwa ta' Bahar ic-Caghaq biex johorgu ghal go trejqa ghal fuq il-Coast Road. Huwa qal li waqaf ferm il-boghod qabel l-*istop sign* u ra lill-konvenut diehel fuq in-naha tieghu *"at the wrong curve"* . Il-konvenut min-naha tieghu qed isostni li dan Borg waqaf fuq l-*istop sign,* imbaghad beda hiereg naqra naqra sakemm habtu frontalment.

Illi minn dawn il-versjonijiet jidher car li t-tezi tal-istess konvenut ma hija bl-ebda mod kredibbli u dan ghar-ragunijiet segwenti :-

(a) Donald Borg sostna li l-hsarat fuq il-vettura tieghu kienu fuq in-naha tal-lemin mill-*head lamp*. Fl-okkorrenza esebita mmarkata Dok. “JA 2” l-Ispettur Jason Agius li mar fuq il-post tal-incident nizzel is-segwenti:-

*“Vettura numru CBB 391 garrbet hsarat fil-parti ta’ quddiem, windscreen, bumper u zewg bibien ta’ quddiem (tan-naha tal-lemin u tan-naha tax-xellug). Filwaqt li vettura numru U 7005 garrbet hsarat fil-windscreen, saqaf, bonett, zewg mudguards ta’ quddiem (tal-lemin u tax-xellug), bumper, xibka, bieba ta’ quddiem tan-naha tal-lemin u fuq ir-rota ta’ quddiem tan-naha tal-lemin.* Tali hsarat jindikaw li ma jistax ikun li l-habta kienet biss wahda frontali. Li kieku kien hekk, zgur li ma kien ikun hemm l-ebda hsara fuq il-bibien tan-naha tal-lemin ta’ l-ebda vettura. F’dan il-kaz, iz-zewg vetturi garrbu hsarat fuq il-bieba tan-naha tal-lemin tal-vettura rispettiva taghhom.

(b) Inoltre’ il-konvenut innifsu xehed li hu qatt ma gie avvicinat mill-Pulizija biex jaghti l-versjoni tieghu. Evidentement dan mhux minnu ghaliex fl-okkorrenza hemm il-versjoni tal-incident li ta huwa stess, tant li l-istess ufficcjal investigattiv sostna li *“meta l-Pulizija kellmet lix-xufier ta’ vettura numru CBB 391, Abdel Remi Esam, dan*

*stqarr illi waqt li kien qed jipprocedi fi Triq Salina Coast Road, gej mid-direzzjoni ta' St.Andrews, vettura numru U 7005 li kienet hierga minn Triq Xatt il-Palm din f'daqqa wahda, waqfet bil-konsegwenza li hu baqa' diehel fil-vettura msemmija.*

(c) Illi iktar sinfikanti huwa l-fatt li mill-iskizz tal-Pulizija jidher car li l-impatt sar fit-triq Xatt il-Palm, liema triq taghti ghall-Coast Road, u allura jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe, li l-istess konvenut sabiex spicca fuq dik il-parti tat-triq fejn kien qieghed l-assigurat tal-attur necessarjament hareg mill-karreggjata li kien ghaddej fiha, fuq il-*main road,* u spicca fit-trejqa li taghti ghall-istess Coast Road.

Illi dan kollu huwa korroborrat mill-fatt li kemm David Borg u martu Tanya Borg, it-tnejn kienu kategorici meta qalu li huma kienu ghadhom ma wasslux ghall-*istop sign* li hemm fit-tarf ta' Triq Il-Palm sabiex wiehed jidhol ghal fuq il-Coast Road, u dan jikkombaccja perfettament ma dak li hemm indikat fl-iskizzz redatt mill-Pulizija, u wkoll mix-xhieda tal-istess Spettur li l-impatt sar qabel mal-istess assikurati tas-socjeta' attrici wasslu ghall-imsemmija *stop sign* fit-triq indikata fir-ritratti esebiti.

Illi huwa ovvju li stabbilit li l-istess karozza misjuqa mill-konvenut spiccat kompletament barra minn postha, u anke jekk kienet ser iddur fuq in-naha tax-xellug taghha, ghamlet dan kompletament *wrong side,* li dan huwa kaz ta' *res ipsa*

*loquitur,* fejn l-oneru tal-prova jigi spostat fuq il-konvenut sabiex jispjega l-investiment tal-vettura tieghu u jiggustifika l-agir tieghu.

Illi minflok il-konvenut ma ghamel xejn minn dan, izda ittenta jikkontesta anke l-iskizz tal-istess Pulizija, bl-intenzjoni ovvja li jiskredita l-istess, ghaliex kif inhu redatt l-istess skizz minn persuna kompletament indipendenti mill-partijiet, dan huwa ghal kollox pregudikanti ghall-versjoni tal-konvenut, li ma ssib l-ebda solliev fl-istess deskrizzjoni tal-incident.

Illi huwa ovvju li l-Ispettur Jason Agius bhala persuna indipendenti fil-kawza u bhala ufficcjal pubbliku zgur li ma kellu l-ebda interess li jnizzel fl-okkorenza u li jixhed hlief dwar il-fatti li huwa rejalment ikkonstata, u ma hemm l-ebda raguni kwalunkwe ghaliex ix-xhieda tieghu, u l-investigazzjoni tieghu, *a tempo vergine* ghandha ghal xi raguni tigi skartata.

(d) Illi jinghad ukoll li mir-ritratti esebiti Dok. “JB 1” u Dok. “JB 2” , kif ukoll mill-iskizz immarkat Dok. “JA 1” u mit-*tyre marks* li halliet il-karozza tal-konvenut jidher li l-manuvra li ghamel il-konvenut kienet wahda zbaljata b’tali mod li minflok kiser mal-*“curve”* biex jibqa’ sejjer lejn Bugibba kiser izzejjed u b’hekk spicca fil-karozza ta’ Donald Borg. In fatti skond ix-xhieda tal-konjugi Borg l-karozza taghhom spiccat f’dik il-parti tat-triq fejn hemm qisu haxix u gebel zghir lill-hinn mill-istess Coast Road.

(e) Illi fl-ahharnett jinghad li l-iskizz esebit mill-konvenut li gie immarkat bhala Dok. “AE” ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni u dan peress li l-persuna li allegatament ghamlitu lanqas biss tressqet bhala xhud biex tikkonferma x’gara u kif wasal ghal tali skizz, u ghalhekk bhala tali lanqas biss huwa ammissibbli bhala prova, u wisq inqas ghandu xi valur probatorju.

Illi ghalhekk jidher car li l-konvenut ghandu jinzamm unikament reposabbli ghall-incident *de quo* stante li saq b’mod negligenti u bl-ebda mod ma pprova juza’ prudenza fis-sewqan tieghu, u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jinzamm ukoll responsabbli ghad-danni kkawzati lill-attur nomine, stante li huwa kien il-kawza prossima tal-istess incident.

Illi dan qed jinghad peress li jirrizulta car mill-provi li waqt li l-konvenut kien ghaddej fil-*main road* f’Salina Coast Road, huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu billi hareg mill-istess *main road* u spicca fi Triq il-Palm u kompletament fuq in-naha hazina tat-triq b’mod li jekk kellu intenzjoni li jdur mill-Coast Road ghal fuq ix-xellug tieghu, bl-*ispeed* u bin-nuqqas ta’ attenzjoni li kien ghaddej isuq il-karozza tieghu, huwa ikkalkula ghal kollox hazin id-dawra ghal fuq ix-xellug tieghu, b’mod li spicca fuq l-karozza tal-assigurat tas-socjeta’ attrici li kienet wieqfa ferm qabel l-*istop sign* li fl-istess triq taghti ghall-Coast Road.

Illi dwar il-versjoni tal-konvenut, li kieku ppruvata kienet tkun kaz ta' *main road* u *side road user,* din bl-ebda mod ma giet ippruvata u wisq inqas korroborata, anzi tinsab addirittura kontradetta mix-xhieda kollha prodotti u d-dokumenti esebiti f'din il-kawza, u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut dwar ir-responsabilita' tal-incident qed jigu hawnhekk michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi fl-ahharnett jinghad li anke jekk wiehed ikun ghaddej minn *main road* ghalkemm igawdi *right of way,* xorta wahda ghandu l-obbligu bhal kull sewwieq iehor li jsuq b'attenzjoni, li jfisser li jaghraf il-waqt u jaghmel mill-ahjar tieghu sabiex jevita kull incident possibbli, u b'mod li dejjem ghandu jiehu l-prekawzzjonijiet mehtiega sabiex ma jkunx ta' perikolu ghall-utenti tal-istess triq u ohrajn u ma ghandhux jinsa l-obbligi tieghu u jabbuza mid-dritta li ghandu. **("Joseph Bugeja vs Frankie Zammit"** – P.A. (VBC) 4 ta' April 1984 – LXVIII.ii.446).

Illi f'dan il-kaz jidher li l-konvenut tilef kull kontroll tal-vettura tieghu b'mod li irrenda ruhu ta' perikolu ghall-utenti tal-istess triq u sahansitra ghall-vetturi li kienu ghadhom ser jersqu ghall-istess Coast Road, b'mod li l-istess sewqan tal-konvenut kien ukoll manifestazzjoni ta' negligenza grossolana u traskurat ghall-ahhar.

## III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

Illi mix-xhieda ta' John Bonnici, *Motor Claims Manager* ta' *Bonnici Insurance* li huma agenti tal-*Middle Sea Insurance p.l.c* jirrizulta li d-danni sofferti fil-karozza tal-assigurat taghhom kienu ta' elf hames mija u seba' u tletin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmi (Lm 1,537.55). Fil-fatt, wara li l-vettura ta' Donald Borg giet spezjonata mis-*surveyor* ikkonkluda illi tant kellha hsara illi kienet *beyond economical repair.*

Illi peress li l-vettura in kwistjoni kienet assikurata "*comprehensive"* b'valur ta' Lm1,800, Donald Borg thallas s-somma ta' Lm1,675 wara li tnaqqas l-"*excess"* ta' Lm125. Ir-"wreck" tal-vettura inbiegh u l-ammont migbur kien Lm300. Oltre l-ammont imhallas lill-assikurat, l-*insurance* hallsu wkoll ghar-*Road Accident Report,* ghas-*survey,u* spejjez relattivi li jwasslu ghall-ammont ta' Lm1,537.55 (Lm1375 + Lm162.55). Illi fis-seduta tal-11 ta' Ottubru,2001 id-difensuri tal-partijiet iddikkjaraw li ma kienux qed jikkontestaw d-danni u ghalhekk jidher li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-likwidazzjoni ta' danni kif indikati mill-istess socjeta' attrici u fuq indikati.

Illi pero' fic-citazzjoni attrici l-ammont ta' danni mitluba kien elf, sitt mija u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,660.20). Illi kif spjegat aktar 'il fuq l-ammont ta' danni li ngabu provi dwarhom kien ta' Lm1,537.55, liema ammont jinsab accettat mill-istess konvenut fid-dikjarazzjoni fuq

indikata. Kwindi l-istess danni qed jigu likwidati fl-ammont ta' elf hames mija u sebgha u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,537.55).

## IV. KONKLUZZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** fit-termini hawn indikati b'dan illi :-

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li gara fil-limiti ta' Bahar ic-Caghaq fis-16 ta' Novembru, 1997 u ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici b'rizultat ta' dan l-incident hawn fuq imsemmi fl-ammont ta' elf, hames mija u sebgha u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,537.55).

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta' attrici d-danni kollha hekk sofferti u likwidati fl-ammont ta' elf, hames mija u sebgha u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,537.55).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficcjali tal-5 ta' Novembru,1998 u dik prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax

legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fis-26 ta' Frar, 2000 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru, 2001.**